Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Ġunju 2026**
**(OR. en)**

**9853/26**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2026/0127(NLE)**

**POLCOM 200**
**COASI 93**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 9820/26 + ADD 1 |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat għall-Kummerċ stabbilit mill-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, fir-rigward tar-reviżjoni tal-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri f'konformità mal-Artikolu 14.18 tal-Ftehim u r-reviżjoni tal-lista ta' esperti li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim<br>- Adozzjoni |

1. Fit-28 ta' Mejju 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemmija hawn fuq (id-dokument 9820/26 + ADD 1).

2. Fl-4 ta' Ġunju 2026, il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Deputati) eżamina u approva l-proposta.

3. Għaldaqstant, u soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill mistieden:

   - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 9854/26 + ADD 1;

- jiddeċiedi li jordna l-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-Deċiżjoni dwar ir-reviżjoni tal-lista ta' individwi li huma lesti u kapaċi jservu bħala arbitri f'konformità mal-Artikolu 14.18 tal-Ftehim u d-Deċiżjoni dwar ir-reviżjoni tal-lista ta' esperti li huma lesti u kapaċi jservu bħala membri tal-bord f'konformità mal-Artikolu 13.15 tal-Ftehim, kif tinsab fid-dokument 9854/26 ADD 1, ladarba tiġi adottata;

- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni ser tintbagħat lill-Parlament.